INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż tal-Gvern tad-Danimarka skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi

(2016/C 286/02)

F'konformità mal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi [1], id-Danimarka b'dan l-avviż tinnotifika l-impenn tagħha li żżomm ħażniet speċifiċi.

1. Il-livell tal-ħażniet speċifiċi li d-Danimarka impenjat ruħha li żżomm huwa ekwivalenti għal 30 jum ta' konsum medju ta' kuljum.

2. Dan l-impenn japplika għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2017.

3. Il-ħażniet speċifiċi se jkunu magħmula mill-kategoriji tal-prodotti li ġejjin:

   — Petrol għall-magni

   — Diżil

4. Il-ħażniet se jinżammu bi sjieda mill-entità ċentrali Daniża għaż-żamma tal-ħażniet, Foreningen Danske Olieberedskabslagre (FDO).

[1] ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9.